MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 88/2014

**L-Avukat Dottor Michael Grech**

**bhala mandatarju specjali**

**ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta'**

**estera Beko plc ta' Beko House,**

**1, Greenhill Crescent, Watford,**

**Hertfordshire WD18 8QU, Renju Unit**

**vs**

**Dr. Cedric Mifsud u P.L. Gerald Bonello**

**kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil**

**Acer Incoporated ta' 7F, No 137, Sec 2, Chien Kuo**

**N. Rd., Taipei, R.O.C., Taiwan nominati**

**b'digriet tal-20 ta Marzu 2014**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta Beko plc tat-30 ta’ Jannar 2014 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici applikat ghar-registrazzjoni ta' Trademark Komunitarju mal-"Office for Harmonization in the Internal Market" tal-Unjoni Ewropeja (ibbazat f'Alicante. Spanja) ghall-isem figurattiv "ALTUS" fil-klassijiet internazzjonali taht in-Nice Convention numri 7, 9 u 11,. Iiema applikazzjoni inghatat in-numru 6490809;

2. Illi wara li saret l-applikazzjoni da parti tas-socjeta attrici, is-socjeta intimata, bdiet proceduri ta' oppozizzjoni quddiem l-"Office for Harmonization in the Internal Market" (Opposition No. B1430158) kontra s-socjeta attrici biex l-istess "Office for Harmonization in the Internal Market" jiddezisti mir-registrazzjoni ta' Trademark Komunitarju f'isem is-socjeta attrici ghall-isem figurattiv "ALTUS" fil-klassijiet internazzjonali taht in-Nice Convention numri 7, 9 u 11;

3. Illi f'dawn il-proceduri ta' oppozizzjoni mal-"Officefor Harmonization in the Internal Market" (Opposition No. B1430158) is-socjeta intimata ghamlet referenza. ghat-Trademark Maltija. registrata fir-Registru tat-Trademarks ta' Malta bin-numru 41702 "ALTOS" (kelma) (kopja tac-certifikat ta' registrazzjoni annessa Dok. 'A'), irregistrat f’isimha fil-klassi internazzjonali taht in-Nice Convention numru 9, mill-25 ta' Frar 2004 fil-konfront tas-segwenti oggetti;

"Microcomputers, Microprocessors, Computers, Computer programs, Computer peripherals, Computer software, recorded computer software, Computer hardware, Servers, Rack system, Scanners, Computer Monitors, Computer printers, Computer disk drives, Computer keyboards, Computer Fax modem cards, Computer Interface hoards, Computer memories, Computer network hubs, switches and routers, mouse, diskettes, networking equipment and programs, Internetworking devices."

4. Illi l-Opposition Division tal-"Office for Harmonization in the Internal Market" (Opposition No. B1430158) tat decizjoni fejn, a bazi, inter alia, tal-precitata registrazzjoni tat-Trademark Maltija numru 41702 “ALTOS” (kelma), laqghet l-oppozizzjoni tas-socjeta intimata;

5. Illi b'konsegwenza, is-socjeta attrici appellat mid-decizjoni tal-Opposition Division tal-"Office for Harmonization in the internal Market" quddiem il-Board tal-Appell tal-istess "Office

for Harmonization in the Internal Market" u bhalissa dawn il-proceduri ta' appell ghadhom ghaddejjin;

6. Illi s-socjeta attrici ghandha wkoll registrat f'isimha Trademark Komunitarju bin-numru 922047 "ALTUS" (kelma) (kopja tac-certifikat ta' registrazzjoni annessa Dok. 'B') fil-klassijiet intemazzjonali taht in-Nice Convention numri 7,9 u 11;

7. Illi minhabba l-fatt illi Malta ssiehbet fl-Unjoni Europea nhar l-1 ta' Mejju 2004, it-Trademark Maltija numru 41702 “ALTOS” (kelma) li giet registrata f'isem is-socjeta intimata fil-25 ta' Frar 2004 ma tistax tigi kkontestata quddiem l-"Office for Harmonization in the Internal Market";

8. Illi kull kontestazzjoni fir-rispett tal-imsemmija Trademark Maltija numru 41702 "ALTOS" ghandha ssir quddiem il-Qrati Maltin u dan a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta (Trademarks Act);

9. Illi ghalhekk dan ir-rikors qed isir quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

10. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta illi s-socjeta intimata, ghal aktar minn hames snin, lanqas uzat u lanqas tat il-kunsens taghha ghall-uzu tat-trademark numru 41702 - "ALTOS" ghar-rigward tal-oggetti li dwarhom tinsab registrata, u oltre dan ma hemmx ragunijiet xierqa ghaliex mhux qed isir tali uzu. Ghaldaqstant f’dina s-sitwazzjoni japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 42(1)(a) tal-Kap 416 (Trademarks Act) liema artikolu jistipula illi f’tali kaz, l-imsemmija trademark tinsab vulnerabbli ghal azzjoni ta' revokazzjoni fuq din il-bazi;

11. Illi s-socjeta attrici ghandha interess li tistitwixxi dawn il-proceduri stante li r-registrazzjoni f’isem is-socjeta intimata tat-trademark numru 41702 - "ALTOS" fuq ir-Registru tat-Trademarks ta' Malta, qeda tikkostitwixxi impediment milli s-socjeta attrici tottjeni r-registrazzjoni f’isimha tat-trademark komunitarju ghall-isem figurattiv "ALTUS" fil-klassijiet internazzjonali taht in-Nice Convention numri 7, 9 u 11, b'applikazzjoni inghatat in-numru 6490809;

12. Illi il-fuq imsemmi Board tal-Appell tal-istess "Office for Harmonization in the Internal Market" li bhalissa qed jisma’ l-proceduri ta' appell migjuba mis-socjeta attrici gie notifikat dwar dan ir-rikors;

13. Illi l-Avukat Dr. Michael Grech noe. jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu minn kollega barrani u mill-mandanti.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti nomine jitlob bir-rispert iIli dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tirrevoka r-registrazzjoni tat-Trademark Maltija numru 41702 "ALTOS" a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 42(1)(a) tal-Kap. 416 (Trademarks Act);

2. fil-kaz illi tingab prova mis-socjeta intimata dwar uzu f'dawn l-ahhar hames snin tat-Trademark Maltija numru 41702 "ALTOS", tirrevoka r-registrazzjoni tal-istess Trademark ghall-oggetti kollha li fil-konfront taghhom tinsab registrata salv ghal "office servers".

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata ingunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta intimata hi assenti minn dawn il-gzejjer u ghalhekk gew nominati kuraturi deputati li irrispondew li ma kienux edotti mill-fatti;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din l-azzjoni hi wahda bbazata fuq l-artikolu 42(1)(a) tal-Kap. 416 li tghid hekk:

> Ir-registrazzjoni ta' trademark tista' tigi revokata għal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin -
>
> (a) li fil-perjodu ta' hames snin wara d-data tat-temm tal-procedura ta' registrazzjoni din ma tkunx tqieghdet f'uzu genwin f'Malta, mill-proprjetarju jew bil-kunsens tieghu, ghar-rigward tal-oggetti jew is-servizzi li dwarhom tkun registrata, u ma jkunx hemm ragunijiet xierqa ghaliex ma tkunx qeghda hekk tintuza;

Is-socjeta attrici li applikat biex tirregistra l-isem figurattiv ’ALTUS’ fl-Office for Harmonisation in the Internal Market giet rifjutata din it-talba peress illi f’Malta tezisti gia trademark numru 41702 bl-isem ’ALTOS’ f’isem is-socjeta intimata.

Din il-kawza hi intiza sabiex tirrevoka r-registrazzjoni tat-trademark ’ALTOS’ f’isem is-socjeta intimata minhabba ragunijiet msemmija fl-istess artikolu.

Dan l-artikolu jitfa’ prova negattiva ta’ non uzu ghal tali revoka li stante n-natura taghha din il-prova tissusisti bil-fatt stess tat-talba sakemm ma tigix opposta u sta ghas-socjeta intimata bhala proprjetarja li tipprova hi li fil-fatt l-uzu sar jew qed isir fit-terminu tal-istess artikolu. Kwindi l-oneru tal-prova hu spostat mis-socjeta attrici ghal dik intimata. Dan hu konfermat mill-artikolu 87 tal-Kap. 416 li jghid hekk:

> Jekk fi procedimenti civili taht dan l-Att tqum xi kwistjoni dwar l-uzu li trademark registrata seta’ sar minnha, l-oneru tal-prova li jkun sar xi uzu partikolari minnha jaqa’ fuq il-proprjetarju.

Tali prova ma saritx u fil-fatt ma tressqet ebda prova mis-socjeta intimata illi qatt uzat jew tat il-kunsens ghall-uzu tal-imsemmija trademark f’Malta tul il-hames snin mindu giet registrata fil-25 ta’ Frar 2004.

Dan in-nuqqas ta’ prova tinduci lil Qorti taghti ragun lit-talba attrici billi ma hemmx provi xi jsiru mis-socjeta attrici in sostenn tal-allegazzjoni taghha izda tali allegazzjoni tista’ tixxejjen biss bi prova ta’ uzu da parti tal-parti citata in gudizzju.

Id-data li minnha ghandha titqies ir-revoka hi regolata bl-artikolu 42(6) li tghid li tali data ghandha tkun jew mid-data tar-rikors ghar-revoka jew minn data anterjuri jekk tezisti. F’dan il-kaz ma saret ebda prova cara a rigward mis-socjeta attrici hlief li illimitat ruhha fil-premessi li tghid li ilha ma tintuza ghal aktar minn hames snin minghajr ebda spjegazzjoni ulterjuri ghalkemm it-talba hi msejsa specifikament fuq l-ewwel subinciz (a) tal-artikolu 42 li jsemmi

non uzu fil-hames snin mir-registrazzjoni u ghalhekk it-talba attrici ghandha tinqara li r-revoka ghandha tibda minn gheluq il-hames sena mir-registrazzjoni cioe l-24 ta' Frar 2008.

**Decide**

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tilqa' l-ewwel talba attrici u tirrevoka r-registrazzjoni tat-trademark Maltija 41702 'ALTOS' f'isem is-socjeta Acer Incorporated ai termini tal-artikolu 42(1)(a) tal-Kap. 416 u dan sa mill-24 ta' Frar 2008 ai termini tal-artikolu 42(6)(b).

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba billi ma hemmx bzonnha f'dan il-kaz.

Spejjez ghas-socjeta intimata u b'notifika lil Kontrollur tal-Proprjeta Industrijali biex jaghmel it-tibdiliet mehtiega fir-registrazzjoni msemmija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------